# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 3 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 28.**
**Citazz. Nru. 1555/00 JRM.**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Graziella Piccinino.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta’ attrici wara li ppremetiet:

Illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf u sbatax-il lira Maltija (LM1017) dovuta in kwantu ghal LM947 import ta’ 14 il-kambjala, wahda ta’ LM24 u l-ohrajn ta’ LM71 il-wahda, debitament accettati, skaduti minn Gunju 1999 sa Lulju 2000 u mhux imhallsa, huma hawn annessi markati bin-numri minn 1 sa 14 konsekuttivament u inklusivament u in kwantu ghal LM70

import ta' 3 kambjali, 2 ta' LM25 il-wahda u l-ohra ta' LM20, debitament accettati, skaduti minn Gunju 1999 sa Awissu 1999 u mhux imhallsa, huma hawn annessi markati bin-numri 15, 16 u 17 rispettivament;

Illi ghalkemm mitluba biex thallas diversi drabi, il-konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija tikkundanna lill-konvenuta:

(1) thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM1017.00,0 (elf u sbatax il-liri Maltin) fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq; u

(2) l-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sat-30 ta' Gunju 2000, fuq l-ewwel 14 il-kambjala jammontaw ghal LM44 u fuq it-tliet kambjalijiet l-ohra jammontaw ghal LM6, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 2000 kontra l-konvenuta li hija ingunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta'

LM1017.00,0 (elf u sbatax il-liri Maltin) fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq u l-imghax mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala li sat-30 ta’ Gunju 2000, fuq l-ewwel 14 il-kambjala jammontaw ghal LM44 u fuq it-tliet kambjalijiet l-ohra jammontaw ghal LM6, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta’ Mejju 2000, kontra l-konvenuta.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**3, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**3, ta' Novembru, 2000.**